**21 ta' Ġunju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D**

Reginald Micallef *et noe*

*versus*

Chev. Silvio Mifsud *et noe*

**Polza tal-Karigu – Klawsola ta' Ġurisdizzjoni – Ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin**

*Għalkemm fil-polza ta' kariku tkun inserita klawsola li tagħti ġurisdizzjoni esklużiva lil Qrati barranin, il-Qrati ta' Malta jibqgħu kompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' każijiet li jinvolvu l-konstatazzjoni ta' defiċjenza fil-piż jew mankanzi fil-merkanzija, għax dawn huma fatti li jistgħu jkunu aċċertati meta jsir il-ħatt tal-merkanzija f'Malta, u jkun diffiċli li ċerti verifiki jsiru band'oħra u mhux fil-post fejn isir il-ħatt.*

*Madankollu, kull każ għandu jitqies fuq il-merti tiegħu. Fejn il-provi jistgħu faċilment isiru barra minn Malta, il-klawsola ta' ġurisdizzjoni għandha tingħata l-effett sħiħ tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, fil-kwalità tagħhom hawn fuq imsemmija, wara li ppremettew illi s-soċjetà *Muscat Motors Ltd* importat mill-Italja erba' karozzi *Alfa Romeo* fuq il-vapur *Malta Express,* kif jirriżulta mill-polza tal-karigu (Dok. A); illi matul il-vjaġġ mill-Italja sa Malta l-vapur iltaqa' ma' baħar qawwi u minħabba stivaġġ ħażin ta' *containers* fuq il-vapur, wieħed, jew iżjed mill-*containers* waqgħu fuq il-karozzi u tnejn minnhom ġew mgħaffġin, kif jiġi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawża, oltre li żewġ karozzi oħrajn kellhom xi partijiet neqsin u xi grif; illi għal dan id-dannu s-soċjetà assikuratriċi, *Guardian Royal Exchange,* kif kienet obbligata, ħallset lill-istess soċjetà importatriċi, *Muscat Motors Ltd,* is-somma ta' Lm4891, oltra Lm78 spejjeż ta' *survey* għaż-żewġ karozzi mgħaffġin, u Lm82 għall-karozzi l-oħra – total ta' Lm5051 – u għalhekk l-istess soċjetà assikuratriċi ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur; u peress li l-konvenuti *nomine* huma responsabbli għad-danni fuq indikati; l-istanti *nomine* talab illi, għar-raġunijiet premessi, (1) il-konvenuti jiġu ddikjarati responsabbli għall-ħsarat fuq indikati; u (2) il-konvenuti jiġu kkundannati li jħallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm5051, bl-interessi mid-data tal-pagament bħala danni sofferti mill-importatur u kif surrogati d-drittijiet tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, li biha qalu in linea preliminari u apparti l-eċċezzjonijiet fil-meritu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi l-każ, stante li l-attur naqas li jikkonforma ruħu ma' l-artikolu 27 tal-Polza tal-Karigu;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti *noe* dwar.....*omissis*.....il-ġurisdizzjoni o meno ta' din il-Qorti;

Illi din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq il-klawsola numru 27 tal-Polza tal-Karigu. Għal dak li huwa rilevanti għal din is-sentenza, il-klawsola msemmija tipprovdi hekk:

*"Mancando l'accordo amichevole, tanto lo speditore quanto il ricevitore, volendo agire in giudizio contra la Società, dovranno convenirla dinanzi l'Autorità giudiziaria di Napoli e Genova o Palermo se la controversia è di valore non superiore a L.100,000, e dinanzi esclusivamente l'Autorità giudiziaria di Napoli (Sede Legale della Società) se la controversia è di valore superiore a L.100,000, rinunciando espressamente, tanto lo speditore come il ricevitore ed ogni altro interessato al carico, alla competenza di qualunque altra Autorità giudiziaria";*

Illi l-pretensjoni ta' l-atturi *nomine* hija għas-somma ta' Lm5051, li skond ir-rata tal-kambju mal-Lira Taljana ċertament taqbeż il-limitu ta' L 100,000; u għalhekk skond il-konvenuti *nomine* l-Qorti ta' Napli għandha ġurisdizzjoni esklusiva biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Illi fl-ewwel lok ġiet ventilata l-kwistjoni fin-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet, jekk il-Polza tal-karigu tikkozzax mal-*Brussels Convention 1924*, magħrufa bħala l-*Hague Rules*, għal-liema Konvenzjoni l-Italja issottoskriviet fis-7 ta' Ottubru, 1938. Jingħad mill-ewwel li minn eżami ta' l-imsemmija *Rules*, il-klawsola in kwistjoni ma tidhirx li tikkozza magħhom;

Illi l-atturi jgħidu li klawsola bħala din in kwistjoni hija valida. Però skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tali klawsola ma teskludix il-ġurisdizzjoni Maltija, tgħid xi tgħid; u l-atturi invokaw in sostenn tas-sottomissjoni tagħhom in partikolari il-kawżi **"Yves Thomas *vs* Ray Angeland"** u **"Giovanni Pace *noe vs* Civitelli"**. Il-prinċipju stabbilit f'dawn il-kawżi huwa li meta l-kwistjoni tinvolvi l-konstatazzjoni ta' defiċjenza fil-piż jew mankanzi ta' merkanzija jew każi simili, nonostante l-klawsola indikata, il-Qrati tagħna huma kompetenti għal dan il-fini, peress li dawn huma fatti li jistgħu jaċċertaw ruħhom meta ssir l-iskarikazzjoni tal-merkanzija; u xi daqqiet ikun anki diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li ċerti verifiki jsiru band'oħra u mhux fil-post fejn issir l-iskarikazzjoni – u dana apparti l-ekonomija tal-ġudizzju, u salva wkoll li ma jkunx preġudizzjevoli għad-difiża da parti tal-vapur jew l-ammiraturi tiegħu. Fin-nota tagħhom l-atturi jissottomettu hekk:

"Ma jista' jkun hemm ebda dubju li, in kwantu għall-ispejjeż ta' kawża miġjuba minn attur bażat f'Malta (il-*Guardian Royal* għandha s-sede Londra imma effettivament l-uffiċċju Malta għandha konjizzjoni ta' l-inċident) fejn il-fatti ma jistgħux jiġu aċċertati ħlief Malta, fejn ix-xhieda huma Malta, l-ispejjeż ta' kawża bħal din huma wisq inqas Malta milli jkunu fi Qrati ta' Napli. Il-verifika tal-fatti ta' dan il-każ, fejn l-attur jista' jsegwi l-kawża mingħajr ħafna vjaġġi, fejn is-*surveyors* jistgħu jixhdu mingħajr ma jagħmlu spedizzjoni Napli, joqogħdu f'*Hotel* jistennew jew jirritornaw għal differimenti minn xahar għall-ieħor, issir **almenu aħjar** Malta, u **f'inqas żmien** u **b'inqas spejjeż** – ċirkostanzi li jiżnu ħafna f'operazzjonijiet ta' Kummerċ";

Illi da parti tagħhom il-konvenuti ssottomettew fin-nota

tagħhom *kif ġej*:

"Huwa veru li s-sentenzi ċitati mill-attur jgħidu dak li jgħidu, però jirrelevaw, *dato ma non concesso,* li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni, *sia pure* li l-vertenza hija bejn żewġ soċjetajiet esteri, ċjoè *Guardian Royal Exchange Assurance PLC* ta' Londra *versus Tirrenia di Navigazione S.p.A.* ta' l-Italja, din tirrigwarda **biss** il-konstatazzjoni tal-fatt tal-ħsarat u/jew *short shipment* imma mhux dwar il-likwidazzjoni u kundanna tad-danni. Il-Qrati Maltin, jekk għandhom ġurisdizzjoni biex jikkonstataw il-ħsarat, ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jillikwidaw id-danni u li jikkundannaw lill-konvenuti jħallsu. Hekk ġie ritenut f'diversi kawżi mill-Qrati Tagħna";

Illi l-Avukati tal-partijiet issollevaw argumenti verament validi, u l-Qorti tikkonfessa li sabitha diffiċli biex tasal għall-konklużjoni tagħha, u fil-fehma tagħha kull każ għandu jiġi deċiż fuq il-fattispecie li jippreżentaw fuqhom. Issa, f'dan il-każ, wara li ħadet in konsiderazzjoni dak kollu li qalu ż-żewġ partijiet, u qieset li l-ħsarat f'dan il-każ huma tista' tgħid ammessi u l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-mertu hija f'direzzjoni oħra (u ċjoè li ma humiex responsabbli għall-ħsarat minħabba l-maltempata li l-vapur iltaqa' magħha), li ċertament dan ma kienx l-ewwel darba fejn *Muscat Motors* ġabu karozzi ma' l-insemmi vapur u ovvjament b'Polza ta' karigu simili u kwindi kienu jafu bil-klawsola dwar il-ġurisdizzjoni **esklusiva,** f'dan il-każ, tal-Qorti ta' Napli, u li x-xhud dwar il-prova prinċipali u determinanti f'dan il-każ (il-maltempata u *occorrendo* l-istivaġġ tal-merkanzija) huwa l-kaptan tal-vapur li jirrisjedi barra minn Malta, u fl-aħħarnett li ż-żewġ kontendenti huma kumpaniji b'domiċilju u residenza barra minn Malta, il-Qorti tinklina li *żżomm ma' l-effett sħiħ tal-klawsola in kwistjoni* inserita fil-polza

tal-karigu, u kwindi li l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti *nomine* hija attendibbli. Għaldaqstant, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż tenut kont tal-punti kollha involuti, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.